



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

---

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

---

**2014/2112(DEC)**

8.12.2014

## **ABBOZZ TA' OPINJONI**

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2013  
(2014/2112(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Sylvie Guillaume

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li l-kontijiet annwali tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2013 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu u tal-likwidità tiegħu għas-sena li ntemmet, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti tal-kontijiet annwali tas-CEPOL għas-sena finanzjarja 2013 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;
2. Jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li jindikaw it-titjib meħtieġ fir-rigward tal-ippjanar baġitarju, kif ukoll miżuri meħuda mis-CEPOL li taw lok li jitnaqqas il-volum tar-riporti;
3. Jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li jindikaw it-titjib meħtieġ fir-rigward tat-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ; Jenfasizza f'dan ir-rigward il-preċiżjonijiet magħmula mis-CEPOL dwar il-modifiki riċenti li taw lok li titlesta d-dokumentazzjoni dwar il-proċeduri relatati mar-riżorsi umani u b'hekk għenu biex globalment żdiedet it-trasparenza;
4. Jinsab kuntent li s-CEPOL reġa' fetaħ uffiċjalment, fl-1 ta' Ottubru 2014, fis-sede l-ġdida tiegħu, waqt li fakkar b'mod partikolari t-tħassib tal-Qorti tal-Awdituri, fl-awditu tal-2012, dwar l-inċertezzi dwar is-sede tas-CEPOL u l-qagħda prekarja tal-persunal tiegħu, u d-diffikultajiet tal-ipprogrammar baġitarju riżultanti;
5. Iqis li, bħala regola ġenerali, għandha tingħata aktar attenzjoni għat-twaqqif ta' ġestjoni finanzjarja tajba min-naħa tas-CEPOL, jiġifieri l-ekonomija, l-effikaċja u l-prestazzjoni li bihom il-kulleġġ ikun uża l-appropriazzjonijiet fit-twettiq tal-kompiti tiegħu;